# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR161728, Press Release Issue Date: Aug 04, 2016

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (Rapid Alert System for Food and Feed), il-prodott imsemmi m'għandux jiġi kkunsmat minn persuni allerġiċi għall-gambli peress li għandhom il-preżenza ta' gambli kbar (prawns) mhix iddikjarata fuq it-tikketta.

Deskrizzjoni tal-prodott: Teriyaki Crackers
Ditta: M & S
Deskrizzjoni tal-maħfen Pakkett tal-plastik
Oriġini: Renju Unit
Użin: 60g
Kodiċi tal-prodott uniku: 00796859
L-aħjar qabel: Id-dati kollha sat-8 ta' Novembru 2016 inkluż l-istess data




Il-kumpanija involuta diġà rtirat il-prodott mis-suq, iżda peress li probabbilment il-prodott laħaq wasal għand il-konsumatur, id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.